MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 137/2005

**Emanuel Spiteri**

**vs**

**Gemma Montebello u Angela Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata l-10 ta' Marzu tas-sena 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta s-segwenti:

1. Illi b'Avviz Numru 253/2004 fl-ismijiet Gemma Montebello u Angela Scicluna vs Emanuel Spiteri il-konvenuti odjerni kienu talbu li l-qorti tal-magistrati joghgobha tikkundanna lil Emanuel Spiteri biex fi zmien qasir u perentorju li tipprefiggilu l-istess Qorti jizgombra

mill-fond numru 5, Sebastian Lane, iz-Zejtun, li skond il-konvenuti qed jokkupa minghajr titolu validu fil-ligi u jikkonsenjalhom ic-cwievet ta’ l-istess post battal;

2. Illi l-Qorti tal-Magistrati b’sentenza tal-15 ta’ Dicembru tas-sena 2004 fl-ismijiet Gemma Montebello u Angela Scicluna vs Emanuel Spiteri ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet tal-konvenuti u pprefiggiet terminu ta’ xahrejn sabiex Emanuel Spiteri jizgombra mill-fond numru 5, Sebastian Lane, iz-Zejtun u jikkonsenjalhom ic-cwievet ta’ l-istess post battal, bl-ispejjez kontra l-konvenut, (illum attur);

3. Illi l-attur qatt ma gie notifikat bl-avviz imsemmi u ghalhekk hemm lok ta’ ritrattazzjoni tal-kawza ai termini ta’ l-Artikolu 811 (b) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

4. Illi l-attur sar jaf biss bis-sentenza precitata u bl-effett ta’ l-istess, wara li gie notifikat bil-mandat ta’ zgumbrament li nhareg kontra tieghu (Numru 171/05 LG) fl-ismijiet Gemma Montebello u Angela Scicluna vs Emanuel Spiteri;

Illi in vista tal-premess l-attur odjern allura sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi prevja r-revoka u t-thassir tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-15 ta’ Dicembru tas-sena 2004 fl-ismijiet Gemma Montebello u Angela Scicluna vs Emanuel Spiteri ghat-tenur ta’ l-artikolu 811 (b) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi;

2. Bl-ispejjez;

3. Ghall-finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-fond imsemmi ma jeccedix il-hamsin Lira Maltin (LM50.00,0), fis-sena;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur datata wkoll l-10 ta’ Marzu tas-sena 2005;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-18 ta’ April tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi l-eccepjenti jirrimettu ruhhom ghall-atti tal-kawza w il-provi dwar it-talbiet ta’ l-attur;

2. Illi, f’kull kaz u minghajr pregudizzju, it-talba ghat-thassir tas-sentenza ma tistax tigi akkolta kemm –il darba Emanuel Spiteri fil-fatt kien jaf bil-proceduri ghall-izgumbrament u xorta wahda halla t-terminu ta’ l-appell jghaddi inutilment;

3. Illi f’kaz li din il-qorti tilqa’ t-talba ghat-thassir tas-sentenza moghtija mill-istess qorti u tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza, fil-mertu, ghandha xorta wahda tikkundanna lil Emanuel Spiteri sabiex, fi zmien qasir u perentorju lilu prefiss, jizgombra mill-fond numru 5, Sebastian Lane, Zejtun, li huwa qed jikkupa minghajr titolu validu fil-ligi u jikkonsenja lill-eccipjenti c-cwievet ta’ l-istess post battal; bl-ispejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti wkoll datata t-18 ta’ April tas-sena 2005;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti, inkluz in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-kaz jistghu jkunu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fil-15 ta' Dicembru tas-sena 2004 il-qorti tal-magistrati ppronunzjat sentenza fl-ismijiet Gemma Montebello u Angela Scicluna vs Emanuel Spiteri;

2. Illi pero l-attur odjern, (gia' konvenut fil-kawza indikata fil-paragrafu precedenti), jsostni li qatt ma kien notifikat bl-avviz promotur ta' dik il-kawza;

3. Illi ghalhekk, ghalkemm il-procedura ndikata fil-paragrafu enumerat 1 baqghet miexja sal-konkluzjoni logika taghha, l-attur odjern qatt ma tpogga fil-possibilita' li jiddefendi lilu nnifsu;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li l-attur odjern ma kienx notifikat skond il-ligi bil-procedura li llum qed tigi riskossa permezz tal-procedura ta' ritrattazzjoni;

Illi ghalhekk l-attur odjern, (konvenut f'dik il-procedura), qatt ma seta' jiddefendi lilu nnifsu skond il-ligi;

Ghaldaqstant, din il-qorti takkolji t-talba ta' l-attur u tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi;

Tordna ghalhekk li l-kawza odjerna tkun differita ghall-udjenza tat-23 ta' Jannar tas-sena 2007 ghall-provi tal-konvenuti;

Tirrizerva li tipprovdi dwar l-ispejjez fi stadju ulterjuri.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------